MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 18/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**
**Vs**
**John Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kif korretta dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Awissu, 2006, u fix-xhur ta' qabel gewwa l-fond "Il-Palma" Triq tax-Xtut, San Pawl il-Bahar

1. ezercita' dritt li jippretendi li ghandu, gieghel jew xort'ohra b'awtorita' tieghu nnifsu fixkel lil Dolores Vassallo fil-pussess ta' hwejjigha billi f'xi jiem bejn ix-xahar ta' Marzu 2002 u t-22 t'Awwissu 2006, wahhal xatba tal-hadid fl-entratura komuni bejn iz-zewg fondi St. Felicity, Triq ix-Xtut u "Il-Palma, Triq ix-Xtut, San Pawl il-Bahar, u kif ukoll billi halla klieb fl-istess entratura;

2. zamm zewgt iklieb minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-17 ta’ Jannar , 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9, l-artikolu 17 tal-Kapitolu 312, l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal multa ta’ mitejn lira (LM200) ekwivalenti ghal € 465.87 u ordnat ai termini tal-artikolu 377 tal-Kapitolu 9 illi l-istess xatba titnehha fi zmien xahar taht penali ta’ zewg liri (LM2) ekwivalenti ghal €4.66 kuljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta’ Jannar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi minflok issibu hati taz-zewg akkuzi migjuba kontrieh, tilliberah minnhom, u fi kwalunkwe kaz tirriduci l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-sentenza appellata.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- li l-akkuzi migjuba kontra l-appellant ma gewx pruvati sal-grad li titlob il-ligi w oltre kull dubju ragjonevoli, tant li l-parti civili stess fix-xiehda taghha ammettiet li ma kienetx taf min kien ghamel il-xatba in kwistjoni . Li minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju Vassallo ma kellhiex il-pussess tal-fond in kwistjoni fi zmien li nharget l-akkuza liema fond kien u ghadu mikri lil terzi kif ammettiet l-istess parte civile. Li lanqas ma gie pruvat li gie imfixkel il-pussess tal-inkwilin tal-fond in kwistjoni w dan ghax Vassallo stqarret li l-inkwilin Peter Borg qatt ma kien ilmenta dwar xi tfixkil fil-pussess u fit-tgawdija tieghu jew fl-uzu tal-istess proprjeta'. Ghalhekk wiehed mill-elementi tar-reat ta' ragion fattasi ma jissussistix. Lanqas ma jirrizulta l-element konsistenti fil-koxjenza tal-agent li hu

kien qed jaghmel di proprio braccio dak li jmissu sar permezz tal-awtorita' pubblika. Li fir-rigward tat-tieni akkuza w cioe' dik li zamm zewgt iklieb minghajr licenzja, minkejja li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li minn tlitt iklieb, tnejn kienu jidhru licenzjati, xorta sabitu hati tat-tieni akkuza. It-tielet kelb li jidher fir-ritratt mhux tal-appellant izda ta' ibnu Vincent Cachia. Li mhux car kekk il-piena ta' LM200 multa gietx inflitta ghall-ewwel jew ghat-tieni akkuza. Jekk kienet ghat-tieni reat, ma kienetx applikabbli, ghax skond l-art. 17 tal-Kap. 312, l-Att dwar il-Klieb, il-piena hi ta' ammenda ta' LM5 . L-istess piena tapplika ghar-reat ta' zamm ta' kelb perikoluz, liema perikolozita' pero' qatt ma giet pruvata f' dan il-kaz ghax il-klieb kienu jkunu marbuta dejjem. Ghalhekk lanqas ma kien applikabbli l-artikoli 383 u 384 tal-Kodici Kriminali ghax ma giex pruvat li kien hemm xi theddida ghas-sigurta' ta' Dolores Vassallo w wisq inqas xi ksur tal-bon ordni pubbliku. Fi kwalunkwe kaz il-multa kienet eccessiva w ghandha titnaqqas sostanzjalment.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 t' April, 2008, li bih Dr. Noel Camilleri ghall-appellant irtira l-aggravju dwar ir-reat ta' zamm ta' klieb bla licenzja.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat.

Wara li l-appellant irtira l-aggravju dwar it-tieni imputazzjoni, dan l-appell hu issa cirkoskritt ghall-ewwel akkuza ta' *ragion fattasi* w l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghas-sejbien ta' htija fuq iz-zewg imputazzjonijiet.

Il-fatti li taw lok ghall-hrug tal-ewwel akkuza kienu fil-qosor li fit-22 t' Awwissu, 2006, filghodu, Dolores Vassallo marret fil-proprjeta' taghha konsistenti f' maisonette u garage, fl-indirizz Il-Palma, Triq tax-Xtut, San Pawl il-Bahar. Din il-proprjeta' hija raggungibbli minn *drive way* li qabel kienet miftuha. Pero', meta marret hemm dak in-

nhar sabet li d-d*rive* kienet inghalqet bi grada u il gewwa minn din il-grada kien hemm tlitt iklieb jghajjtu w jinbhu kemm jifilhu. Meta rat dan hi marret minnufieh l-ghassa tal-pulizija fejn ghamlet rapport. Hi w zewgha bil-fors iridu jghaddu minn dik id-*drive* biex jidhlu fil-proprjeta' taghha billi il-bieb ghal maisonette qieghed fuq gewwa nett tad-drive. Il-proprjeta' ilha ghandha xi ghoxrin sena u sa April u Mejju, 2006 din ix-xatba ma kienetx hemm u hi m'ghandhiex access iehor. Il-klieb kienet rathom qabel hemm u l-appellant anki kien wehel multa fuqhom meta ma kienx hemm il-grada ghax kienu ghamlulha ghat-tifla dawn il-klieb. Meta marret fit-22 t' Awwissu, l-klieb ma kienux marbutin u hi lanqas biss issugrat tmiss il-gate bit-tlitt iklieb jixxabbtu mall-gate. Qabel meta ma kienx hemm gate, kienu jkunu marbutin pero'. Imma hi trid tghaddi minn hdejhom ezatt u xorta wahda l-klieb ikunu jridu jogholew maghha. L-ghada tat-22 t' Awwissu, 2006, kienet regghet marret fuq il-post u hadet ir-ritratti tal-klieb li gew esebiti (Dok. DV1 a fl. 19). Hi ma ghandix cwievet tal-gate u hadd ma kkonsulta maghhom biex jaghmel xi haga hemm.

In kontroezami, x-xhud qalet li l-post taghha fil-fatt huwa mikri lil terzi. Complaint minn dan ma sarx. Il-kerreja ma jkunx hemm ghax komdu jzommu w jzommu maghluq. Imur hemm darba kulltant u ma jghixx hemm.

Mid-depozizzjoni ta' WPS 102, Ruth Magro, umbaghad irrizulta li l-licenzji tal-klieb ghas-sena 2006 kienu thallsu fit-30 t' Awwissu, 2006 u cioe' wara d-data tal-incident meta Vassallo marret u sabet il-gate fuq imsemmija. Ghalhekk f' dik id-data ma kienx ghadhom licenzjati.

L-appellant ma xehedx u ma ressaqx provi.

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti l-elementi kostituttivi tar-reat ta’ “*ragion fattasi* ” taht l-art. 85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe’ :-

(a) att estern li jispolja lil xi hadd  minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;
(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;
(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "*di privato braccio*" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u
(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.  (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Carmel  maghruf bhala Charles Farrugia"** [17.2.1995] **; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"**  [6.6.1995], **"Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"** [18.9.2002] u ohrajn).

Illi l-istat ta' fatt li jemergi mill-provi fuq riprodotti fil-fehma ta' din il-Qorti jinkwadra ruhu perfettament fir-reat tal-"*exercise of a pretended right*" jew *"ragion fattasi"*, ghax l-appellant , bhala wiehed mis-sidien tad-*drive in* komuni hass li kellu dritt jaghmel grada tal-hadid fid-dahla tal-istess *drive i*n bla ma qaghad jaghti kaz tal-inkonvenjent serju li holoq ghall-ko-proprjetarji u utenti l-ohra tal-istess *drive in*, il-konjugi Vassallo, w inoltre telaq klieb fl-istess *drive in* u b'hekk Vassallo tilfu kull access prattiku w ragonevoli ghal fond u garage taghhom.

Illi kuntrarjament ghal dak li sostna l-abbli difensur fir-rikors tal appell u fit-trattazzjoni tieghu, jezistu l-elementi kollha tar-reat in dizamina. Ma hemmx dubju li l-appellant ghamel att estrern li impedixxa lill-konjugi Vassallo minn dritt li kienu igawdu, cioe' dak li jidhlu ghall-fond u garage taghhom minghajr xkiel u biza' li jigu attakkati mill-klieb  u minghajr l-inkonvenjent  u ostakolu prezentat mix-xatba. Hu ovvju ukoll id-dissens tal-konjugi Vassallo li gie muri minnufieh malli indunaw billi ntavolaw rapport fl-ghassa tal-pulizija -  u ovvjament ma setghux jaghmlu dan qabel - liema dissens ghadu vigenti sal-lum tant li wassal ghall-kawza odjerna. L-appellant jidher li ghamel din il-grada hemm ghax hass li kellu kull dritt li jaghmel dan. Pero' l-appellant, bhala sid in komun tad-*drive in* jaf jew suppost li jaf li ma jistax jaghmel alterazzjonijiet fil-proprjeta' komuni minghajr il-kunsens tas-sidien l-ohra, lanqas jekk jidhirlu li dak it-tibdil hu ta' gid ghal kullhadd (Art. 493 tal-Kodici Civili) u li fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-komproprjetarji, Il-

Qorti Civili taghti il-provvedimenti mehtiega. (Art. 494 tal-Kodici Civli) . Ghalhekk jekk ried ibiddel l-istato quo, l-appellant kien imissu - wara li jipprova jikseb inutilment il-kunsens tal-parte civile - rrikorra lill-Qorti w mhux jiehu il-ligi b'idejh kif ghamel. Ergo anki it-tielet rekwizit ta' dan ir-reat jirrizulta. Umbaghad l-ahhar element ta' dar-reat u cioe' li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi, wkoll jezisti w hadd ma allega li l-att tal-appellant jammonta ghal xi reat aktar gravi.

Illi s-sottomissjoni w l-aggravju tal-appellant li ma giex pruvat li l-grada kien ghamilha hu jirrazentaw il-fieragh ghax il-provi indizjarji kollha jippuntaw inekwivokatament f' direzzjoni wahda w cioe' li hu biss seta' kellu interess li jaghmel din il-grada w hadd aktar biex izomm il-klieb tieghu liberi jigru fid-*drive in* wara l-grada. L-appellant qatt ma cahad li l-grada ghamilha hu w din il-Qorti ma ghanda l-ebda dubju li dan il-fatt turbattiv tal-pussess sar minnu w minn hadd aktar.

L-aggravju li Dolores Vassallo ma kellhiex il-pussess tad-*drive in* wkoll hu insostenibbli ghax bhala ko-proprjetarja tal-istess *drive in* kellha kull interess legali li tigi konsultata dwar kambjament tal-istato quo anki jekk il-fond taghha kien mikri lil terzi. Di fatti civilment l-azzjoni reintegratorja jew ta' spoll kienet ukoll tispetta lilha bhala sid il-post u d-*drive i*n komuni. F' kull kaz il-proprjetarju ta' fond mikri xorta jibqalu dritt ta' access ghall-proprjeta' tieghu (eg. biex jispezzjonah minn zmien ghal zmien sia pure wara li jiftiehem mall-inkwilin biex dan ikun jista' jsir). Bl-agir unilaterali tal-appellant dan id-dritt gie menomat. Il-fatt li l-inkwilin Peter Borg - li incidentalment ma jrrisjedix fil-fond mikri lilu - ma lmentax mill-grada w l-klieb ma jbiddel xejn u l-*parte civile* setghet tagixxi indipendentement minn xi kunsens espress jew prezunt li seta' ta (jew ma tax) l-inkwilin taghha.

Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet perfettament gustifikata meta sabet lill-appellant hati tar-reat ta' *"ragion fattasi"* dedott kontra tieghu w l-appell dwar il-htija taht l-ewwel imputazzjoni qed jigi respint.

L-aggravju dwar is-sejbien ta' htija tat-tieni reat kien gie rtitrat *seduta s*tante wara li rrizulta li meta sar l-allegat reat fit-22 t' Awwsissu, 2006, il-licenzja tal-klieb ghal dik is-sena kienet ghadha ma thallsitx u thallset biss wara li kien sar ir-rapport in kwistjoni. Ghalhekk din il-Qorti mhux ser tidhol f' dan l-aggravju.

Illi pero l-appellant, in linea sussidjarja, ressaq aggravju dwar il-piena, ghax qal li mhux car jekk il-piena tal-multa nghatatx ghall-ewwel reat biss jew ghat-tieni reat u li l-piena ghal dan it-tieni reat ma kienetx dik tal-multa imma wahda ta' ammenda ta' hames liri Maltin u li f' kull kaz il-piena kienet wahda eccessiva.

Illi l-piena ghar-reat ta' *ragion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hija dik ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur. Izda l-Qorti tista' fid-diskrezjoni taghha, minflok il-piena ta' prigunerija, taghti l-piena tal-multa. Skond l-art. 11 tal-Kodici Kriminali, fejn il-ligi ma tghidx espressament xort' ohra, l-*maximum* tal-multa huwa dak ta' hames mitt lira Maltin (LM500) (Euro 1164.69 ) u l-*minimum* hu ghaxar liri Maltin (LM10) (Euro 23.29c).

Umbaghad il-piena ghat-tieni reat li jaqa' taht l-Att Dwar il-Klieb (Kap.312) skond l-artikolu 17 hija dik ta' ammenda ta' hames liri Maltin (LM5) (Euro 11.64c). F' dan il-kaz, trattandosi ta' zewgt iklieb li ma kellhomx licenzja, bi ksur tal-artikolu 4 (2) li jiddisponi li tkun mehtiega licenzja separata ghal kull kelb, il-ksur tal-ligi hu duplici.

Issa skond l-artikolu 17 (f) tal-Kodici Kriminali, persuna misjuba hatja ta' aktar minn reat wiehed li ghalih hemm pieni pekunjarji tinghata l-piena tal-multa jew ammenda oghla, jew tal-oghla multa jew ammenda skond il-kaz , b' zieda ta' nofs kull wahda mill-multi jew ammendi l-ohra.

F' dan il-kaz jidher li l-Ewwel Qorti erogat piena pekunjarja wahda komplessiva ghaz-zewg reati, meta proprjament kellha teroga l-piena tal-multa ghall-ewwel reat u dik tal-ammenda ghat-tieni reat. Ghalhekk hemm lok li l-piena tigi modifikata biex tirrispekkja l-htiega legali li l-multa ta' l-ewwel reat tkun distingwibbli mill-ammenda erogabbli

ghat-tieni reat, billi dawn huma zewg tipi ta' piena pekunjarja differenti.
Il-Qorti pero' ma tarax li komplesivament hemm lok ghal xi tnaqqis fil-piena konsiderando li l-Ewwel Qorti mhux biss ma applikatx piena restrittiva tal-liberta' imma sahansitra erogat piena pekunjarja aktar vicina lejn il-*minimum* milli lejn il-massimu ghall-ewwel reat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w in kwantu ai termini ta' l-artikolu 377 tal-Kap.9 ordnat li l-istess xatba titnehha fi zmien xahar - li issa jibda jiddekorri mill-lum - taht penali ta' zewg liri Maltin (LM2) (Euro 4.66c) kulljum u tirrevokaha in kwantu ikkundannat lill-appellant ghal multa ta' mitejn lira Maltija (LM200) ekwivalenti ghall 465.87 Euro, u minnflok tikkundannah ghal multa ta' erba mija w erba' w hamsin Euro w tlieta w ghoxrin centezmu (Euro 454.23c) ghall-ewwel reat u ammenda ta' hdax il-Euro w erba w sittin centezmu (Euro 11.64c) cioe' nofs l-ammenda erogabbli ghaz-zewg reati li kellu zewgt iklieb bla licenzja taht it-tieni imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------